MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Avviz Numru. 28/2004

Avviz Nru   28/04 DM

Maltacom Plc

Vs

Theresa Bonnici f'isimha propju u bhala eredi ta' zewgha Joseph Bonnici u f'isem bintha minuri  Maria Pia Bonnici u Anton Bonnici u Martin Bonnici f'isimhom propju bhala werrieta ta' Joseph Bonnici.

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet il-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef mitejn u ghoxrin liri Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4220.75) rappresentanti ammont dovut minnhom inkonnessjoni ma' diversi servizzi telefonici (a/c 10177976) skond kif jirrizulta mill-anness mall-avviz

dokument A, liema servizzi gew installati in kwantu ghal telefon li jgib in-numru 417719 fil-fond 169, Constitution Street, Mosta u in kwantu ghal servizz bin-numru 417717 fil-fond numru 20, Parish Street, Mosta u dan kif jirrizulta mill-annessi mall-avviz Dokumenti B u Dok C.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, u tal-ittra ufficjali u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali, bl-imghaxijiet kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma dehrux biex jikkontestaw it-talba attrici.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti semghat il-provi prodotti mill-atturi u rat id-dokumenti esebiti issib it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qedgha tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti, in solidum bejniethom, sabiex ihallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ erbat elef , mitejn u ghoxrin lira Maltin u hamsa u sebghin centezmu (Lm4220.75) ghar-ragunjiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mid-19 ta’ Jannar, 2004; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------